**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 12 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 29/2014 AF**

**Tancred Tabone**

**vs**

**L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati**

**Ic-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici**

**Ilkoll fil-kwalità taghhom premessa u in rapprezentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u tal-istess Kumitat rispettivament**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Tancred Tabone li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi fil-5 ta' Dicembru 2013, l-esponenti ircieva ittra minghand il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fejn gie mitlub

jidher quddiem l-istess Kumitat fil-11 ta' Dicembru 2013, sabiex jaghti x-xhieda tieghu dwar ir-rapport tal-Awditur Generali intitolat, "An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement", u sabiex jirrispondi ghall-mistoqsijiet li jistghu jsirulu in konnessjoni mar-rapport imsemmi. Inoltre, gie mitlub igib mieghu xi dokumenti li ghandu disponibbli f'idejh u li huma relatati ma' dan il-kaz. Kopja ta' din l-ittra qed tigi annessa u markata bhala Dokument TT1;

Illi flimkien mal-ittra fuq imsemmija, l-esponenti inghata kopja tal-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta" ppubblikat f'Ottubru 2011 (kopja hawn annessa u markata Dokument TT2), fejn fil-paragrafu numru erbgha (4) jinghataw il-konsegwenzi f'kaz li persuna li tkun giet imharrka sabiex tixhed quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici ma tidhirx jew tidher izda tirrifjuta li tirrispondi ghal mistoqsijiet maghmula lilha, u dan minghajr gustifikazzjoni valida fil-ligi;

Illi l-esponenti jirrileva illi fid-19 ta' Frar 2013, huwa tressaq taht akkuza quddiem il-Qorti Tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja, fejn *inter alia* gie akkuzat b'korruzzjoni, bi frodi u b'hasil tal-flus, liema proceduri penali huma potenzjalment konnessi mal-Enemalta Corporation Fuel Procurement u mal-mertu tal-investigazzjoni li qed issir mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici. Dawn il-proceduri penali ghadhom *sub judice*;

Illi l-esponenti ikkomunika dan l-istat ta' fatt ampjament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici meta, hekk kif interpellat, deher quddiem l-imsemmi Kumitat nhar il-11 ta' Dicembru 2013. F'din is-seduta l-esponenti spjega li ma xtaqx jirrispondi ghal mistoqsijiet maghmula lilu, u nvoka d-dritt tas-silenzju. Hawnhekk, ir-rapprezentant legali tieghu gie mistieden jiehu konjizzjoni tar-*ruling* moghti mill-Onorevoli Speaker tal-Kamra fl-10 ta' Dicembru 2013 (vide kopja hawn annessa u markata bhala Dokument TT3);

Illi f'dan ir-*ruling* l-Onorevoli Speaker jikkwota l-paragrafu 16 tal-linji gwida suriferiti (vide Dokument TT2), u jistabillixxi li f'kaz li xhud joggezzjona ghal xi domanda li tkun saret minn xi Membru tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici, huwa jkun obbligat jirrispondi sakemm ma jkunx hemm xi Membru li jitlob li l-kwestjoni tal-ammissibilita' tad-domanda tigi riferuta lill-Ispeaker biex jaghti decizjoni li mbaghad tkun torbot lill-kumitat. Inoltre, l-Onorevoli Speaker jikkwota ukoll il-paragrafu 19 tal-istess linji gwida li jghid, "No Witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her". Hawn l-Onorevoli Speaker jikkonkludi li dawn iz-zewg paragrafi jfissru li xhud huwa mistenni li jixhed quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici;

Illi permezz ta' korrispondenza mibghuta mir-rapprezentanti legali tal-esponenti lic-Chairman tal-Kumitat fil-15 ta' Jannar 2014, gie rilevat li dan ir-*ruling* ma japplikax fir-rigward ta' l-esponenti, izda japplika esklussivament fil-konfront ta' persuna espressament imsemmija fl-istess *ruling* (vide kopja hawn annessa u markata bhala Dokument TT4). Il-persuna imsemmija tibbenefika minn proklama kondizzjonata, u ma gewx mehuda ebda proceduri kriminali kontra taghha in visto ta' tali proklama. Ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponenti, din il-persuna hija legalment koperta ghal kwalsiasi domanda li tista' ssirilha, inkriminanti jew le. Ghal kuntrarju, kif inghad *supra*, l-pozizzjoni tal-esponenti hija *toto caelo* differenti, stante li huwa akkuzat b'reati potenzjalment konnessi ma l-investigazzjoni li qed titmexxa mill-Kumitat;

Illi fit-3 ta' Frar 2014 l-Onorevoli Speaker tal-Kamra hareg *ruling* iehor, din id-darba fil-konfont tal-esponenti (vide kopja hawn annessa u markata bhala Dokument TT5). F'dan ir-ruling gie esspressament ddikjarat li l-esponenti, "ghandu jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici u ghandu jwiegeb id-domandi li jsirulu minn kull membru ta' dan il-Kumitat, inkluz l-istess Chariman interim, u f'kaz ta' domanda li tista' tinkriminah huwa ghandu jitlob li jigi ezentat milli jwiegeb dik id-domanda. U f'kaz li jkun hemm oggezzjoni minn xi membru fis-sens li jekk dik id-domanda tigi mwiegba ma tkunx inkriminanti fil-konfront tal-istess xhud Tancred Tabone, il-Kumitat ghandu allura jitlob direzzjoni mis-Sedja

biex taghti d-decizjoni taghha dwar jekk dik id-domanda li x-xhud ipprefera li ma jwegibx ghax tista' tinkriminah ghandhiex tigi mwiegba jew le.";

Illi permezz ta' korrispondenza ulterjuri mibghuta mir-rapprezentanti legali tal-esponenti lic-Chairman tal-Kumitat fit-13 ta' Frar 2014, gie nnutat li fir-*ruling* tat-3 ta' Frar 2014 fejn gie kkwotat l-Erskine May Parliamentary Practice thalliet barra sentenza rilevanti u importanti ghall-kaz de quo mis-silta citata mill-Onorevoli Speaker (vide kopja ta' l-ittra hawn annessa u markata bhala Dokument TT6). Din l-ahhar sentenza tghid hekk, *"for the treatment of matters sub judice see pp. 441-443, 813"*. Il-qarrej hawn jintbghat jirreferi ghal siltiet ohra fil-materja ta' *sub judice*[1], fejn jinghad is-segwenti: *"Subject to the discretion of the Chair, and to the right of the House to legislate on any matter or to discuss any delegated legislation, matters awaiting the adjudication of a court of law should not be brought forward in debate."*[2] [...] *The Resolution of the House prescribing its practice with regard to matters that are awaiting judgment in the courts includes proceedings in select committees.*[3] [...] ***Committees have suspended inquiries in progress because a witness had been charged with criminal offences related to the subject-matter of the inquiry*** *or have decided not to take evidence from particular witnesses in the course of an inquiry because the committee had been informed that the witnesses would also be witnesses in impending criminal or civil proceedings*[4]*"* (enfasi tal-esponenti);

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, din il-parentesi tghid bla mezzi termini li l-bran citat mill-Onorevoli Speaker fir-*ruling* tat-3 ta' Frar 2014 ma japplikax ghall-kazijiet li huma *sub judice*, izda kif citat supra l-pozizzjoni tal-kazijiet li huma *sub judice,* bhal dik in disamina, hija trattata b'mod differenti. Il-qari komplet tal-branijiet rilevanti mill-Erskine May Parliamentary Practice juri li jekk il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici

[1] Ibid, pp. 441-443, 813.
[2] Ibid, p. 441.
[3] Ibid, p. 813.
[4] Ibid.

jemmen li x-xhieda tal-esponenti hija rilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenzi taghha, allura l-inkjesta suriferita ghandha tigi sospiza sakemm ikun hem sentenza definittiva fil-kawza kriminali kontra tieghu;

Illi fil-25 ta' Frar 2014, l-esponenti rega' gie msejjah jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fit-12 ta' Marzu 2014 (kopja hawn annessa u markata bhala Dokument TT7), ghall-istess ragunijiet moghtija fl-ewwel ittra tal-5 ta' Dicembru 2013 (Dokument TT1 suriferit u anness);

Illi kif debitament ingunt, l-esponenti deher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici. F'din is-seduta r-rapprezentant legali ta' l-esponenti spjegat li ghar-ragunijiet suriferiti ma ghandux jigi mgieghel jixhed f'din l-inkjesta, u gie nvokat d-dritt ta' silenzju, liema dritt f'dawn ic-cirkostanzi ma ghandux ikun limitat jew ristrett biss ghall-mistoqsijiet it-twegiba ghall-liema jistghu b'xi mod jinkriminaw lill-esponenti. Gie rilevat li minkejja li l-esponenti gie msejjah jidher bhala xhud, is-sustanza tax-xhieda tieghu kienet sejra tkun fuq mertu ta' proceduri li ghadhom *sub judice*. Saret referenza ghall-Erskine May, fejn inghad li skond din l-awtorita' (vide supra) lanqas min hu xhud f'proceduri *sub judice* ma ghandu jingieb quddiem tali kumitat biex jixhed, u allura persuna li tressqu kontriha akkuzi potenzjalment konnessi ma din l-inkjesta zgur li ma ghandiex tigi mgieghlha tixghed;

Illi l-esponenti jirrileva illi filwaqt illi d-dritt li ma jigix kostrett jinkrimina ruhu u d-dritt ta' silenzju huma relatati, ma humiex esklussivi. Illi d-dritt ta' silenzju imur oltre d-dritt li ma jinkriminax ruhu u huwa parti fondamentali tad-dritt ta' smigh xieraq. Illi l-akkuzat mhux obbligat li jixhed fi proceduri migjuba kontra tieghu (vide Artikolu 634 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-ebda xhud ma jista' jkun imgieghel iwiegeb ghal mistoqsijiet, meta t-twegiba tista' ggibu taht process kriminali (vide Artikolu 643 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Stasbourg, fl-ismijiet ***Murray v. United Kingdon*** li

tipprovdi s-segwenti: "*Although not specifically mentioned in Article 6 of the Convention, there can be no doubt that the right to remain silent under police questioning and **the privilege against self-incrimination** are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6. By providing the accused with protection against **improper compulsion by the authorities** these immunities contribute to avoiding miscarriages of justice and to securing the aims of Article 6*"[5] (enfasi tal-esponenti);

Illi inoltre, is-sentenza tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Stasbourg, fl-ismijiet ***Saunders v. United Kingdom*** tapplika perfettament ghall-kaz in ezami. F'din is-sentenza l-Qorti affermat li, "*[…] bearing in mind the concept of fairness in Article 6, the right not to incriminate oneself cannot reasonably be confined to statements of admission of wrongdoing or to remarks which are directly incriminating. **Testimony obtained under compulsion** which appears on its face to be of a non-incriminating nature - such as exculpatory remarks **or mere information on questions of fact** - may later be deployed in criminal proceedings in support of the prosecution case, for example to contradict or cast doubt upon other statements of the accused or evidence given by him during the trial or to otherwise undermine his credibility. […] It follows that what is of the essence in this context is the use to which evidence obtained under compulsion is put in the course of the criminal trial.*"[6];

Illi di piu', fl-ittra suriferita (vide Dokument TT6) ir-rapprezentati legali tal-esponenti irrimarkaw li l-mod li qed jinzammu l-proceduri de quo quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici, bix-xhieda li qed jinstemghu u bil-fatt li s-seduti jistghu jigi segwiti b'mod audiovisiv, "live" mill-internet qed jikkrea 'prejudicial pre-trial publicity' serju fil-konfront tal-esponenti. F'dan ir-rigward, l-esponeti jilmenta li waqt is-seduti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici intqal kliem li seta' jxellef il-presunzjoni ta' innocenza tieghu.

5 App. No. 18731/91 p. 49, para. 45.
6 App. No. 19187/91, p. 20, para. 71.

Kaz meta l-presunzjoni tal-innocenza giet certament imxellfa kien waqt ix-xhieda ta' George Farrugia moghtija quddiem il-Kumitat fil-11 ta' Dicembru 2013. Waqt ix-xhieda tieghu, George Farrugia jghid allegatament li huwa ta lil esponenti s-somma ta' €400,000. Meta mistoqsi mill-Onorevoli Owen Bonnici, *"Imma inti konvint minn dak li qed tghid?",* ix-xhud George Farrugia rrisponda, *"mija fil-mija"*. Hawnhekk l-Onorevoli Owen Bonnici Ministru tal-Gustizzja jiddikkjara illi, ***"Li tajthomlu m'għandix dubju assolutament u li ħadhom m'għandix dubju lanqas."*** (Vide estratt mill-minuti tal-laqgha Nru. 29 li saret nhar l-Erbgha, 11 ta' Dicembru 2013, pagna 34, hawn anness u markat Dokument TT8);

Illi skond l-insenjament tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Stasbourg fis-sentenza ***Butkevicius v. Lithuania***[7] ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo et.*** moghtija fid-29 ta' Ottubru 2003, *"The Court recalls that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6 § 1. <u>It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so</u> according to law.";*

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jemmen mhux biss illi s-sejha tieghu sabiex jixhed quddiem il-Kumitat fuq imsemmi tilledi d-dritt tieghu ghas-silenzju, izda li r-*ruling* moghti fit-3 ta' Frar 2014 jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponenti senjatament id-dritt tas-smigh xieraq sancit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema Konvenzjoni tifforma parti mill-ligi taghna permezz tal-Att XIV tal-1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li d-dritt ghas-silenzju huwa estensjoni ghad-dritt ta' smigh xieraq. L-esponenti jilmenta li li kieku d-dritt ghas-silenzju japplika biss meta jkun interrogat mill-pulizija, izda ma japplikax meta jigi interrogat minn xi awtorita ohra waqt li hemm proceduri penali ghaddejjin fil-konfront tieghu, id-dritt ghas-silenzju tieghu jigi

[7] App. No. 48297/99 para. 49.

irrizorju bil-konsegwenza li jigi mcahhad mit-tgawdija tad-dritt fondamentali ghas-smigh xieraq;

Illi di piu', filwaqt li l-linji gwida suriferiti (vide Dokument TT2) jistipulaw that paragrafu 19 illi, "No Witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her", fl-istess waqt il-paragrafu 16 jghid illi f'kaz ta' oggezzjoni maghmula minn xhud ghal mistoqsija tal-Kumitat, ir-*ruling* ta' l-ispeaker fir-rigward jorbot lil Kumitat u konsegwentement lix-xhud. Fl-umli fehma ta' l-esponenti, id-dispozizzjonijiet f'dan iz-zewg paragrafi huma kontradittorji, b'rizultat li jekk jigi mgieghel jaghti x-xhieda tieghu u jirrispondi ghad-domandi tal-Kumitat ser ikun kostrett jiddekadi mid-dritt ghas-silenzju u jigi ghalhekk mcahhad mid-dritt tieghu ghas-smigh xieraq kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-sejha maghmula lil esponenti mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fil-5 ta' Dicembru 2013 u fil-25 ta' Frar 2014, fejn gie mitlub jidher quddiem l-istess Kumitat fil-11 ta' Dicembru 2013 u fit-12 ta' Marzu 2014, sabiex jaghti x-xhieda tieghu dwar ir-rapport tal-Awditur Generali intitolat, "An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement", u sabiex jirrispondi ghall-mistoqsijiet li jistghu jsirulu in konnessjoni mar-rapport imsemmi tilledi d-drittijiet fundamentali tieghu sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li r-*ruling* moghti mill-intimat Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputat fit-3 ta' Frar 2014 jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tiddikjara li l-"Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta" ppubblikat f'Ottubru

2011, b'mod partikolari l-paragrafu 16 li jghid illi f'kaz ta' oggezzjoni maghmula minn xhud ghal mistoqsija tal-Kumitat, ir-ruling ta' l-ispeaker fir-rigward jorbot lil Kumitat u konsegwentement lix-xhud, jivvjola d-drittijiet fundamentali tieghu sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Tiddikjara illi f'kull kaz il-fatt li persuna li tkun ghaddejja minn proceduri penali li huma potenzjalment konnessi mal-mertu tal-investigazzjoni li qed issir mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici u li d-dritt ta' silenzju taghha ma jibqax assolut, izda jigi limitat ghall-mistoqsijiet li jistghu fil-kwalita' taghhom jinkriminaw l-esponenti, jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

5. Tiddikjara li r-*ruling* moghti mill-intimat Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputat fit-3 ta' Frar 2014 huwa null u bla effett fir-rigward ta' l-esponenti, inkwantu jivvjolaw d-drittijiet fundamentali tieghu sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

6. Tiddikjara li l-mod kif qed jinzammu l-proceduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici, bix-xhieda li qed jinstemghu u bil-fatt li s-seduti jistghu jigi segwiti b'mod audiovisiv mill-internet qed jikkrea 'prejudicial pre-trial publicity' serju fil-konfront tal-esponenti, u li l-kliem dikjarat mill- Onorevoli Owen Bonnici fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013 quddiem l-istess Kumitat, precizament ***"Li tajthomlu m'għandix dubju assolutament u li ħadhom m'għandix dubju lanqas"***, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

7. Taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok in-notifika tar-rikors hija nulla billi kontra d-disposttiv ta' ordni pubbliku kontenut fl-artikolu 65(3) tal-Kostituzzjoni li trid li l-atti ta' din il-Qorti ma jigux notifikati lill-Kamra u dan huwa privilegg tal-kamra; din ir-risposta ma ghandhiex tifthiem bhala li l-intimati qieghdin jaghtu ruhhom b'notifikati b'dak ir-rikors billi l-impossibilita ta' notifika hija biss rifless tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li qieghed tigi eccepita f'din ir-risposta.

Fit-tieni lok id-decizjonijiet tal-ispeaker ma humiex sindikabbili mill-Qorti u lanqas huma sindikabbili mill-Qorti l-linji gwida minnhu maghmula u certament u bl-akbar rispett dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tiddikjara xi decizjoni ta' l-Ispeaker bhala nulla jew invalida ghaliex ir-regolament tal-procedura tal-kamra hija fil-gurisdizzjoni insindikabbilli tal-Kamra u kull indhil f'dik il-procedura tammonta ghall-ksur tal-privileggi tal-Kamra.

Inoltre l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia u l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi in kwantu imharrkin in rappresentanza tal-Kamra tad-Deputati ma ghandhomx dik ir-rappresentanza u huma malament imharrkin ghaliex il-Kamra tad-Deputati ma ghandiex *locus standi* fil-Qorti.

Inoltre l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi ma huwiex ic-Chairperson tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici imma jippresjedi il-Kumitat biss fil-proceduri dwar ir-rapport tal-awditur fuq il-Enemalta minhabba li c-Chairperson tal-istess kumitat seta' kellhu konflitt.

Ghalhekk il-procedura hija evidentement monka u inkompleta ghaliex jonqos legittimu kontradittur fil-gudizzju billi l-intimati certament ma humiex legittimi kontradittur f'dan il-gudizzju.

Il-Kamra tad-Deputati u l-kumitati taghha bl-ebda mod bl-agir taghhom ma ivvjolaw xi dritt fondamentali tar-rikorrent u lanqas huwa mahsub jew hemm il-biza li d-drittijiet fondamentali tar-rikonent jigu vjolati. Il-Kumitat in kwistjoni huwa mghoti l-mansjoni li fl-interess pubbliku jaghmel stharrig f'dak li jirrigwarda l-kontijiet pubblici ta' Malta u naturalment f'dan l-istharrig huwa ghandu d-dritt li jisma lil kull min huwa mehtieg bier il-kumitat jista jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu lil kull minn il-kumitat jidhirlu li jista' jaghtih informazzjoni siwja. Dan il-kumitat jaghmlu fl-interess pubbliku nazzjonali u certament ma huwiex l-interess pubbliku li persuna li tista' taghti informazzjoni ma tittellax tixhed. Naturalment dan isir fir-rispett tad-drittijiet kollha ta' dik il-persuna, inkluz id-dritt, del resto rikonoxxut anke mill-istess Speaker u mill-kumitat li persuna ma tixhiedx fejn bir-risposta taghha tkun tista' tinkrimina ruhha. Ma hemm l-eba hsieb li ebda persuna tiggieghel tirrispondi domain li jistghu jinkriminawha imma naturalment jibqa' dejjem l-obbligu ta' persuna li taghti l-informazzjoni mitluba f'affarijiet fejn hija ma tistax tigi inkriminata. Huwa dejjem dritt tax-xhud, rikonoxxut anke fil-linji gwida, li jekk jhoss li risposta, tista tinkriminah, iqajjem il-kwistjoni tal-privilegg tieghu li ma jixhidx fejn jista jinkrimina ruhu; ma hemm l-ebda hsieb li jekk isir hekk dan ma jinghatax il-piz mehtieg u li d-decizjoni dwar dan ma tittihidx bil-ghaqal skond il-ligi u fil-pjen rispett tad-drittijiet tax-xhud.

Fir-rigward tal-fatti elenkati fir-rikors l-esponenti jirrilevaw is-segwenti:

a. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni drvar il-fatti elenkati fil-paragrafi wiehed sa erba tar-rikors. Dwar il-fatt fil-paragrafu numru erba jigi ccarat li l-proceduri kriminali kondotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma proceduri distinti u separati minn dak li qieghed jigri fil-Kumitat; u l-mansjoni tal-Kumitat ma hiex li tikkonduci investigazzjoni biex tigi uzata fil-proceduri kriminali; il-mansjoni tal-kumitat hija limitat ghas-sorveljanza tal-kontijiet pubblici u tas-sanita tal-istess kontijiet. L-ghan ta'

dawk il-proceduri ma huwiex il-kondotta ta' proceduri kriminali u lanqas ma hija l-informazzjoni migbura mill-Kumitat intiza biex tintuza fi proceduri kriminali imma hija intiza biex tintuza mill-Kamra fil-kors ta' dibattiti taghha u fil-kors ta' dak li taghmel fir-rigward tal-kontijiet pubblici.  Din hija mansjoni tal-Kamra ta' importanza fondamentali ghat-tmexxija tal-pajjiz u ghaz-zamma tad-demokrazija.  Huwa ghallhekk precizament li dina ma taqax biex tigi sindikata minn dina l-Onorabbli Qorti.

b. Dwar dak li jinghad fil-paragrafu hamsa huwa minnhu dak li jinghad imma in realta kienet espressament id-decizjoni tal-Ispeaker u tal-Kumitat li x-xhud ma jkunx obbligat iwiegeb ghad-domandi fejn bir-risposta tieghu huwa jista jinkrimina ruhu; dan ma jistax jigi determinat qabel ma d-domanda issir u x-xhud iqajjem il-kwistjoni li bir-risposta huwa jkun jista jinkrimina ruhu, haga li certament l-awtoritajiet jiehdu in konsiderazzjom meta l-punt jqum.  Del resto din hija l-istess posizzjoni li tista tavvera ruhha jekk ix-xhud jigi mghajjat biex jixhed quddiem il-Qrati ta' Malta.

c. Dwar dak li jinghad fil-paragrafu sitta dan assolutament mhux il-kaz; ir-ruling ta' l-ispeaker bl-ebda mod ma jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent u bl-ebda mod ma jikser id-dritt tar-rikorrent ghall-smiegh xieraq; ir-rikorrent ma huwa qieghed jissubixxi l-ebda process gudizzjarju quddiem il-Kumitat; naturalment hija l-mansjoni tal-Qorti fil-proceduri kriminali pendenti quddiema li tara li jigi assikurat ghax-xhud smiegh xieraq; bir-rispett kollu x'domandi jixtieq il-kumitat jpoggi lix-xhud, hawn rikorrent, hija mera spekulazzjoni la darba sa issa l-ebda domanda ghada ma saret.

d.  Dwar dak li jinghad fil-paragrafu sebgha ghallkemm ix-xhud huwa obbligat jirrispondi mhux obbligat jirrispondi fejn huwa jista’ jinkrimina ruhu u ghallhekk ma hemm l-ebda ksur ta' ebda dritt fondamentali.

e. Dwar il-fatt fit-tmen paragrafu dan huwa minnhu, dawk il-proceduri kriminali ma jinteressawx direttament lil is-Speaker u l-procedura tal-Kumitat ma hijiex relatata ma dawk il-proceduri kriminali imma hija xi haga kompletament indipendenti minnhom.

f. Illi dwar dak li jinghad fil-paragrafi sussegwenti dawn huma kollha argumenti ta' konvenjenza; certament lis-Speaker jista' jara li d-dritt fondamentali ta' xhud sa fejn jikkoncema d-decizjonijiet li jiehu huwa ma jinkisirx, lis-speaker ma hux qieghed jghid li d-drittijiet fondamentali tal-individwu ma japplikawx, anzi il-linji gwida minnhu mahluqa huma intizi precizament biex dawk id-dirttijiet fondamentali ma jigux mittiefsa.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u huma f'kull kaz prematur u biss frott ta' spekulazzjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi s-sejħa tiegħu mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra tad-Deputati, ir-*ruling* tal-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati tal-10 ta' Diċembru 2013 u l-Linji Gwida għax-Xhieda maħruġa mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra tad-Deputati f'Ottubru 2011 jiksru d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa talab ukoll lill-Qorti sabiex tiddikjara null u bla effett l-imsemmi *ruling* tal-iSpeaker fil-konfront tiegħu.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrent issejjaħ sabiex jixhed quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra tad-Deputati in konnessjoni mar-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar Xiri ta' Fuel mill-Korporazzjoni Enemalta. Ftit taż-żmien wara li ssejjaħ sabiex jixhed quddiem l-imsemmi Kumitat, huwa tressaq taħt akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja għall-reati li huma trattati fir-rapport tal-Awditur Ġenerali. Ix-xhieda tar-rikorrent quddiem il-Kumitat dwar il-

Kontijiet Pubbliċi hija regolata skont *ruling* tal-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati u skont Linji Gwida applikabbli għall-Kumitat imsemmi. Ir-rikorrent jgħid illi f'każ li jixhed quddiem il-Kumitat skont dan ir-*ruling* u skont il-Linji Gwida, ser isseħħ leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Kif diġa ngħad, din is-sentenza hija limitata għat-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati li permezz tagħha jeċċepixxu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tiddikjara deċiżjoni tal-iSpeaker nulla u bla effett in kwantu li r-regolament tal-proċedura tal-Kamra tad-Deputati hija fil-ġurisdizzjoni insindikabbli tagħha u li għaldaqstant, kull indħil f'dik il-proċedura tammonta għal ksur tal-privileġġi tal-Kamra.

Rilevanti għall-eċċezzjoni tal-lum huma l-artikoli 46(1) u (2) u l-artikolu 67(1) tal-Kostituzzjonli li jaqraw hekk:

L-artikolu 46(1) u (2):

> "*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*
>
> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan*

*is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra*."

L-artikolu 67(1):

"*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess.*"

Fil-ktieb tagħhom *Constitutional and Administrative Law*, l-awturi O. Hood Philips u P. Jackson jgħidu hekk dwar il-privileġġi tal-Kamra tad-Deputati naturalment fil-kuntest tal-Parlament Ingliż:

"*Erskine May defines parliamentary privilege as "the sum of the peculiar rights enjoyed by each House collectively as a constituent part of the High Court of Parliament, and by Members of each House individually without which they could not discharge their functions, and which exceed those possessed by other bodies or individuals. Thus privilege, though part of the law of the land, is to a certain extent an exemption from the general law.""*[8]

Ikomplu billi jispjegaw illi '*Parliamentary privilege consists of the rights and immunities which Parliament, its Members and officers possess to enable them to carry out parliamentary functions.'*[9]

Din l-eċċezzjoni li dwarha qiegħda tingħata sentenza llum diġa ġiet trattata u deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet Francis Portelli et vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et u Frank Sammut vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et it-tnejn deċiżi fil-15 ta' Jannar 2015 u kkonfermati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Diċembru 2015. Dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw ċirkostanzi kważi identiċi għall-kawża tal-lum.

---

8 Tmien Edizzjoni, Sweet and Maxwell, Paġna 270.

9 *Ibid*.

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenzi tagħha appena ċitati kkwotat is-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Carmel Demicoli vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et tat-13 ta' Ottubru 1986 li fil-fehma tagħha għamlet ġabra tal-prinċipji kostituzzjonali rilevanti għall-eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni li kienet qiegħda titratta dakinhar u li għaldaqstant, hija relevanti wkoll għas-sentenza tal-lum:

> *"a) Huwa maghruf tajjeb bizzejjed li l-Kostituzzjoni ta` Malta kienet ibbazata hafna fuq il-Kostituzzjoni mhix miktuba tar-Renju Unit u partikolarment il-konvenzjonijiet li fuqha tistrieh dik il-Kostituzzjoni. Ghalhekk ma jistax ikun hemm xi dubju li l-prattika u t-teorija tal-Kostituzzjoni Ingliza ghandhom is-siwi taghhom fl-interpretazzjoni tal-* ***Prattika u t-Teorija*** *tal-Kostituzzjoni Maltija fejn din taqbel ma` dik Ingliza. Izda mbaghad fejn ma taqbilx irridu bilfors infittxu l-interpretazzjoni li hija gusta ghal-ligi kostituzzjonali Maltija u l-istess kuntrast bejn iz-zewg sistemi mill-ewwel jindika u juri car li ghandu jkun hemm ghazla bejn is-sistema Malti u dak Ingliz avolja ta` l-ewwel harget mit-tieni. U hawnhekk mill-ewwel tirrispekkja ruhha car l-ghazla li hemm bejn il-Parlament Malti u dak Ingliz. Il-principju ewlieni li fuqu jistrieh il-Parlament Ingliz huwa li "Parliament is Sovereign".* ***Dan il-principju f`Malta japplika biss fil-limiti tal-Kostituzzjoni miktuba****. (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). L-istudjuzi tal-Kostituzzjoni Ingliza jistaghgbu bil-fatt illi waqt li fit-teorija l-Parlament Ingliz jista` jibdel il-Kostituzzjoni mhux miktuba b`maggoranza ta` siggu wiehed, il-Parlament Ingliz dejjem qaghad attent li jibdel il-kostituzzjoni meta tista` tghid il-Poplu kollu b`ananimita` shiha ried il-bidla, u mhux meta xi partit fil-gvern ried il-bidla. L-istess studenti tal-Kostituzzjoni Maltija jiltaqghu mill-ewwel mal-principju illi "f`Malta l-Parlament huwa biss is-sultan fil-limiti tal-Kostituzzjoni".* ***Il-Kostituzzjoni miktuba ma torbotx biss liz-zewg ferghat l-ohra ta` l-Istat Esekuttiv u l-Gudikatura, torbot lill-Parlament ukoll u dan ukoll ma jistax imur `l hemm mill-Kostituzzjoni****. (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). B`hekk fostna l-Kostituzzjoni trid tipprevali fuq il-Parlament ukoll, li filwaqt li huwa l-*

*aqwa awtorita` li tfisser ir-rieda tal-poplu bil-ligijiet li jaghmel minn zmien ghal zmien fl-ahjar interess tal-poplu Malti, jaghmel hekk biss bis-sahha tal-Kostituzzjoni miktuba u jekk dik il-Kostituzzjoni titfarrak bin-naqriet, jibqa` minghajr awtorita` li huwa ghandu, kif del resto jibqghu minghajr awtorita` l-Awtoritajiet kollha mahluqa mill-Kostituzzjoni;*

*b) Illi kif il-Qrati taghna dejjem ghallmu, certament fil-kors ta` dan is-seklu, kull meta kellha kostituzzjoni liberali, id-dottrina ta` l-ghazla tas-setghat tas-"Separation of Powers" hija l-fundament zonqri tal-Kostituzzjoni taghna, izda hawnhekk jitfacca car dak li diga` gie mfisser li l-prattika u t-teorija Ingliza ghandhom l-utilita` taghhom fl-interpretazzjoni ta` xi partijiet tal-kostituzzjoni taghna. Il-Qorti tirrileva dan billi fis-sistemi governattivi ta` pajjizi demokratici, filwaqt li fl-interpretazzjoni tas-sistema Ingliza tas-"Separation of Powers" hemm is-sistema tac-"checks and balances". Il-bilanc li jinzamm bejn is-setghat tal-istat li wahda tilqa` lill-ohra – f'xi pajjizi demokratici ohra (ez: USA, Franza, l-Italja) hemm is-sistema tal-"watertight compartments of power" (kull fergha ta` l-istat irid ikollha l-mezzi taghha propji biex tintlahaq l-awtonomija kompleta taghha, tant li fi Franza u l-Italja, l-Amministrazzjoni jew l-Esekuttiv ghandha l-Qorti taghha, il-Conseil d`Etat, u l-Consiglio di Stato rispettivament. Issa, apparti li Montesquieu li fisser it-teorija tas-separation of powers ghall-ewwel darba fil-filosofija politika tieghu, "Des l'Esprit de Lois", kien qieghed jimmudella ruhu fuq il-Kostituzzjoni tar-Renju Unit fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax, kien is-sistema Ingliz Maitland f`isem il-Colonial Office Ingliz kien iddahhal f`Malta bil-Proklama Nru 1 ta` l-1815 (ara : "Cassar Desain vs Forbes", Appell Civili, 1935, XXXIX.I.43);*

***B'hekk jigi li m`ghandu jkun hemm l-ebda dubju li s-separation of powers maghrufa mill-Kostituzzjoni Maltija hija tat-tip tac- "checks and balances"*** *(enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) u mhux tal-"watertight compartments of powers" li del resto l-anqas biss ma tirrizulta mill-Kostitruzzjoni kif tirrizulta f`dik Franciza u Taljana;*

*c) La dan hu hekk isegwi li t-tliet frieghi ta` l-Istat Malti huma kull wahda responsabbli tal-mansjonijiet lilha moghtija u fl-esekuzzjoni taghhom hija awtonoma safejn il-Kostituzzjoni hekk ipprovdiet u fejn mhux hekk ipprovdut jitfaccaw ic-"checks and balances" normali tad-dottrina ta` l-ghazla tas-setghat, tant li l-istudjuzi tal-Kostituzzjoni Ingliza jaqblu li fir-risoluzzjonijiet relattivi ghall-Imhallfin, il-Parlament Ingliz, jekk qatt iqum il-kaz, ghandu jimxi bil-principju tal-gustizzja naturali mhux ghax ikun sar Qorti, izda ghax ikun qieghed jiggestixxi funzjoni li hija kwazi-gudizzjarja u mhux dik tieghu legislattiva. Il-Qorti ma tifhimx li ghall-finijiet ta` din is-sentenza ghandha bzonn tiddefinixxi l-ghazla bejn il-gudizzjarju u l-kwazi-gudizzjarju; bizzejjed li tghid li hija taqbel ma`, u taghmel taghha, il-kontenut tal-paragrafi 73-74 u 81 tar- "Report of the Committee on Ministers` Powers, Cmd. 4060 ta` l-1932;*

*Dan huwa l-metodu tad-demokrazija Maltija li jassigura li waqt li s-setghat tal-istat jingranaw u jaqghu go xulxin ma jindalux fil-mansjonijiet ta` xulxin iktar milli riedet il-Kostituzzjoni. Kemm dan il-metodu tad-demokrazija huwa ghal qalb il-poplu Malti deher car fir-Riformi Kostituzzjonali l-kbar ta` l-1974 fil-holqien ta` Malta Repubbblika; meta ghalkemm inholqu awtoritajiet li vizibilment kien oghla mill-ohrajn, dawn gew ingestati fl-awtoritajiet l-ohra biex huma wkoll jidhlu u jaghmlu sehem f`din id-divizjoni jew l-ghazla tas-setghat, u jkun assigurat li l-ebda awtorita` ma tassumi minn rajha s-setgha ta` l-abbuz tad-dittatur. Il-Kostituzzjoni ma tfittixx liema hija l-aqwa fergha tas-setghat ta` l-istat; tfittex l-ahjar ingranagg bejn is-setghat ta` l-istat biex tintlahaq l-ahjar amministrazzjoni tal-pajjiz.*

*d) Dan kollu s`issa a bazi tas-sistemi u t-taghlim tradizzjonali safejn dan ghandu japplika. Izda mbaghad fuq kollox irridu bilfors niftakru li jidher car li partijiet mill-Kostituzzjoni taghna kienu "begged, borrowed and stolen" (kif jigri fil-pajjizi civilizzati kollha li wiehed jitghallem mill-iehor, tant li bhala regola l-Ligi m`ghandhiex il-protezzjoni tal-Ligijiet tal-Copyright), mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-*

*Drittijiet tal-Bniedem u kif il-Qrati taghna dejjem ghallmu li fl-interpretazzjoni ta` ligijiet Maltin mehudin minn xi pajjiz partikolari, il-Qrati taghna kien indikat li jaraw l-interpretazzjoni li l-ligi kienet moghtija fil-pajjiz ta` l-origini taghha, biex ihaddmu rashom jaraw safejn dik l-interpretazzjoni tista` u ghandha tkun l-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin. Hekk ukoll irridu nhaddmu rasna biex naraw kif u safejn l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tista` u ghandha tkun utili ghall-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taghna u dana minghajr servilizmu min-naha u suppervja mill-ohra, billi l-ligijiet, kif ghallem l-istess Montesquieu (op. cit.) trid tehodhom fl-ambjent taghhom u mhux semplicement fit-teorija. Min-naha l-ohra fl-interpretazzjoni tal-Ligi jrid jinharab il-perikolu li wiehed jistrieh bizzejjed fuq id-dritt komparat, billi dan huwa wisq iktar utili waqt li l-ligi tkun qieghda ssir milli waqt li din tkun qed tigi interpretata. L-interpretazzjoni hija l-interpretazzjoni tal-Ligi ta` Malta u d-Dritt Komparat jista` jkun utili hawn biss fis-sens li l-ligi tal-pajjiz tkun inbidlet f`xi dettall mit-test tal-ligi li minnu xi parti tal-ligi Maltija tkun "begged, borrowed or stolen". Il-Qorti apprezzat hafna s-sens ta` erudizzjoni manifestata mid-difensuri abbli tal-partijiet, Dr Giovanni Bonello ghar-rikorrent u Dr Carmelo Testa ghall-intimat, f`dak li huwa dritt komparat, ghax bejniethom bnew tajjeb hafna l-isfond tal-kaz li ghandha quddiemha izda bir-rispett kollu tifhem li ghandha tistrieh fl-interpretazzjoni tal-ligi fuq il-ligi Maltija u bhal dejjem, jekk issib li l-ligi hija cara u ma tehtieg l-ebda interpretazzjoni, ma ghandha tipprova ggebbed l-ebda interpretazzjoni ghal dak li huwa car;"*

L-intimati jserrħu l-argument tagħhom prinċipalment fuq dak li jipprovdi l-artikolu 67(1) tal-Kostituzzjoni. Huma jgħidu li dan l-artikolu jagħti dritt lill-Kamra tad-Deputati li tiregola l-proċeduri tagħha stess u abbażi ta' dan huma jinsistu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tiddeċiedi din il-kwistjoni in kwantu li r-*ruling* u l-Linji Gwida jaqgħu fil-parametri tad-dritt tal-Kamra. Bħall-Qorti diversament presjeduta fis-sentenzi Francis Portelli et vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et u Frank Sammut vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et appena ċitati, din il-Qorti ma taqbilix mat-tifsira

wiesgħa li jagħtu l-intimati għall-dan l-artikolu għaliex kif sewwa ngħad mill-Qorti fis-sentenzi msemmija, fl-argument tagħhom l-intimati jħallu barra l-ewwel parti ta' din id-disposzzjoni u ċjoe li l-Kamra tat-Deputati tista' tirregola l-proċeduri tagħha 'bla ħsara għad-dispisizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni.'

Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jinkludu dawk tal-Kapitolu IV li jirrigwardaw id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, fosthom id-dritt għal smigħ xieraq li fuqu huwa bbażat l-ilment tar-rikorrenti fil-kawża tal-lum. In kwantu li l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li *'Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu...'* isegwi li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma u tiddeċiedi l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent.

Il-Kostituzzjoni tagħti lill-Parlament id-dritt li jirregola l-proċeduri tiegħu iżda dan id-dritt m'huwiex wieħed assolut kif qegħdin jippretendu l-intimati imma huwa dritt mogħti lill-Parlament mill-Kostituzzjoni u limitat bl-istess Kostituzzjoni. Kif jispjega l-Imħallef Emeritus il-Profs John. J. Cremona fil-ktieb tiegħu *The Maltese Constitution and Constitutional History since 1813*:

> "*But unlike the Westminster Parliament, the Maltese Parliament is not supreme, since it is subject to the Constitution, which is in fact suprema lex. The Parliament established at independence both owes its existence to, and has its own powers limited by, the Constitution, which is thus superior by its very nature. Nothing therefore must be repugnant to the ultimate domestic legal principle, the local grundnorm.*
>
> *Indeed Professor Sir Kenneth Wheare states that the superiority of a Constitution over the institutions which it creates derives from its very nature. It not only regulates these institutions but also, as he puts it, "governs the government." He cites Chief Justice Marshall in the celebrated American case of Marbury vs Madison to the*

*effect that "it is a proposition too plain to be contested that the Constitution controls any legislative act repugnant to it," and then adds that "if a Constitution claims, by its terms, to limit the powers of the institutions it creates, including the legislature, its provisions must surely be regarded as of superior force to any rules or actions issuing from these institutions. To think otherwise reduces a Constitution and the business of Constitution-making to nonsense."'*[10]

B'żieda ma dan, propju kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi msemmija:

*"...l-argument sollevat mill-intimati li, ghalkemm il-qrati kostituzzjonali ghandhom gurisdizzjoni biex jiddikjaraw ligi hijiex konformi jew le mal-Kostituzzjoni l-istess Qrati ma ghandhomx id-dritt li jissindikaw il-proceduri parlamentari huwa inapplikabbli fil-kaz in dizamina, stante li f'dan il-kaz dak li qed jigi attakkat mhuwiex l-operat procedurali tal-Kamra li tohrog ligi, izda allegata lezjoni tad-dritt fondamentali tal-bniedem bis-sahha tal-proceduri quddiem il-Kumitat. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-issindikar mill-qrati kostituzzjonali f'qafas ta' ilment ta' vjolazzjoni ta' dritt fondamentali, protett mill-istess Kostituzzjoni, jista' validament jitqies bhala xkiel ghad-demokrazija."*

Bħall-Qorti diversament presjeduta u l-Qorti Kostituzzjonali qabilha, din il-Qorti tqis illi hija rrelevanti għall-kawża tal-lum is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Onor. Dom Mintoff vs Onor. Dr Giorgio Borg Olivier bħala Prim Ministru et deċiża fil-5 ta' Novembru 1970 in kwantu li dik il-kawża kienet tirrigwarda l-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika l-proċess leġislattiv u mhux l-issindikar ta' din il-Qorti dwar allegat ksur tad-diposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, senjatament ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem li huwa l-mertu tal-kawża tal-lum.

L-intimati jsostnu imbagħad illi r-rikorrent ma jistax jirnexxi fit-tielet talba tiegħu għaliex din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni

[10] Tieni Edizzjoni, PEG (Malta), paġna 105.

sabiex tiddikjara nulli u mingħajr effett ir-ruling u Linji Gwidi. Dwar dan, il-Qorti wkoll tikkondividi konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenzi appena ċitati fejn qalet hekk:

> *"Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi ma jistax jingieb `il quddiem l-argument illi ghax saret it-tielet talba allura l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tqis l-ewwel u t-tieni talbiet. Kwistjoni huwa l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ohra huwa r-rimedju. Is-siwi o meno tat-tielet talba jrid jitqies fl-istadju, jekk ikun il-kaz, meta l-Qorti tittratta l-mertu kemm tal-allegata vjolazzjoni kif ukoll tar-rimedju mitlub. Pero` l-Qorti mhijiex tikkondividi l-fehma tal-intimati illi bl-impostazzjoni tat-tielet talba, ir-rikorrent warrab `il barra l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti li tqis l-ewwel u t-tieni talbiet. Del resto johrog car mill-Art 46(1) tal-Kostituzzjoni u mill-Art 4(1) tal-Kap 319 li jekk il-Qorti ssib ksur tad-disposizzjonijiet li jipprotegu d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwu, ghandha diskrezzjoni fil-kwalita` tar-rimedju li taghti lill-individwu. Li jfisser li riskontrat il-ksur, il-Qorti mhijiex marbuta li taghti bilfors ir-rimedju li jkun talab specifikament ir-rikorrent, izda tista` taghti kull rimedju li jkun <u>effettiv</u> sabiex jindirizza l-ksur accertat (Art 13 tal-Konvenzjoni)."*

Finalment, il-Qorti tirreferi għall-konklużjoni raġġunta minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenzi tagħha appena ċitati:

> *"Il-Qorti ccitat in extenso mis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "**<u>Carmel Demicoli vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet tal-Parlament, fil-kwalità taghhom premessa u in rappresentanza ta` l-istess Kamra tad-Deputati</u>**", billi fil-fehma ta` din il-Qorti l-mod kif ittrattat il-principji kostituzzjonali li kienu attinenti ghall-kaz li kellha quddiemha jghoddu bis-shih ghall-konsiderazzjoni tal-kaz tal-lum. Din il-Qorti ghamlet enfasi u ssottolineat brani tas-sentenza fosthom illi l-principju Ingliz li l-Parlament huwa sovran japplika biss fil-kuntest ta` Malta*

*fil-limiti mposti mill-Kostituzzjoni, kif ukoll il-Kostituzzjoni ma torbotx biss lill-Ezekuttiv u lill-Gudikatura izda lill-Parlament li ma jistax imur `l hemm mill-Kostituzzjoni. Ghamlet hekk sabiex tohrog b`mod aktar fic-car l-enfasi taghha li l-poteri tal-ferghat tal-Istat huma delineati u stabbiliti mill-Kostituzzjoni li allura jkompli jfisser li d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ghandhom isibu applikazzjoni fl-assjem taghhom mhux bil-bicciet. Il-ferghat tal-Istat kienu ntizi mill-Kostituzzjoni sabiex joperaw b'sistema ta` checks and balances u propju ghalhekk l-ebda fergha tal-Istat ma tista` tqis lilha nnfisha barra mill-parametri prefiss mill-Kostituzzjoni stess. In diskussjoni fil-kaz tal-lum mhuwiex il-jedd tal-Kamra tad-Deputati tramite l-Kumitat ghall-Kontijiet Pubblici li taghmel investigazzjoni fl-interess pubbliku, izda l-ezercizzju ta` dak il-jedd sabiex ma jikkozzax mal-harsien tal-jeddijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu li huwa l-bazi ta' socjetà demokratika fondata on the rule of law."*

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG